# L-ORATORJU "PAULUS" TA'





J'dan il-għadd ta' Il-Ħabbar ta' Sant'Antnin, li hu moħtar lill-Appostlu Missierna San Pawl fis-Sena Pawlina, xieraq li fil-paġna mużikali tar-rivista ngħidu xi ħaġa żgħira fuq l-oratorju *Paulus Opus 36* ta' Felix Mendelssohn-Bartholdy. Dan il-kompożitur Ġermaniż twieled Hamburg fit-3 ta' Frar 1809 u miet fl-4 ta' Novembru 1847. Dan ifisser li fis-sena 2007 huwa għalaq 160 sena mejjet, filwaqt li fi Frar ta' dis-sena jagħlaq 200 sena minn twelidu.

Mendelssohn ikkompona l-oratorju ddedikat lil San Pawl bejn is-snin 1834 u 1836, iżda kien ilu jberren f'moħħu li jrid jikteb xogħol bħal dan sa mill-1832. Il-librett tal-oratorju huwa msawwar minn għadd kbir ta' siltiet bibliċi, imħalltin ma' korali li soltu jitkantaw fil-liturġija tal-Knisja Luterana. Jgħinu biex jiġbor is-siltiet mill-Bibbja Mendelssohn kellu miegħu lil Julius Schubring.




L-oratorju ndaqq l-ewwel darba, taħt it-tmexxija tal-kompożitur innifsu, fit-22 ta' Mejju 1836. Wara dik id-darba Mendelssohn għamel reviżjonijiet kbar qabel ma ppubblika x-xogħol. Fl-ewwel sena u nofs wara l-pubblikazzjoni l-oratorju ndaqq b'suċċess f'ħamsin rappreżentazzjoni. Dan is-suċċess kbir ma nkisibx biss fil-Ġermanja iżda tferrex madwar l-Ewropa kollha u l-aktar nett fl-Ingilterra fejn l-oratorju daħal b'mod regolari fir-repertorju Ingliż u baqa' hemm sal-lum. Fl-oratorju jieħdu sehem sopran, alto, tenur, baxx, kor ta' vuċijiet imħallta u orkestra sinfonika.

Fil-kollezzjoni tiegħi għandi żewġ diski *long-play* tad-ditta Vox bl-ewwel *recording* fuq diska li qatt saret ta' dan l-oratorju ta' Mendelssohn. Is-sopran huwa Laurence Dutoit, it-tenur Hans Loeffler, l-alto Maria Nussbaumer, u l-baxx Otto Weiner. Il-kor huwa dak tal-akkademja Kammerchor, u l-orkestra hija dik sinfonika ta' Vienna, taħt it-tmexxija ta' Ferdinand Grossmann.

***P. Edmund Teuma***




**Fuq:** Cd tal-oratorju "Paulus" bil-mużika ta' Mendelssohn, u s-*sleeve* tad-diski li jdhru fuq il-lemin. **Lemin:** Żewġ diski *long-play* tad-ditta Vox bl-ewwel *recording* fuq diska.